# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Mark Fenech

Illum 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Mark Fenech, bin John u Mary nee Fenech, imwieled fil-21/03/1963 u joqghod 16, Johnmar, Triq Dawret l-Isptar, Birgu, ID 190563M.

Billi int akkuzat talli fit-22 ta' Mejju, 2021 ghall-habta ta' 11.00 hrs fi Triq il-Labour, Zabbar, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCM786;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

4. U talli waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, dawwart lura fid-direzzjoni opposta fl-istess triq (U-Turn);
5. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f'hekk Kenneth Agius batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Alexander Paul Grima MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328( c) Kap 9 Art 15(1)( a) (2) Kap 65  L.S. 65.05 Art 2(IIA(b)) u fil-L.S. 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**PS 477 K Bugeja** u **t-Tabib Alexander Paul Grima** xehdu permezz ta' affidavit

**Isabelle Agius** xehdet  **li** kienet pillion ma Kenneth Agius u kienu wara l-vettura misjuqa mill-imputat.

**Kenneth  Agius** xehed li l-imputat kien xi  3 jew 4 metri  wara l-imputat meta l-imputat ghamel U -turn u Kenneth Agius per konsegwnza baqa diehel fih.

**Ikkunsidrat**

3 jew 4 metri mhux distanzi bizzejjed bejn mutur u vettura ta' quddiemu sabiex ikun jista' jirrejagixxi ghal kwalsijasi manuvra tal-vettura ta' quddiem. Dan juri *lack of proper lookout* da parti ta' Kenneth Agius u dan kien il-kawza tal-incident *de quo*. Isegwi li l-imputat bhekk mhux hati tal-imputazzjonijet fil-konfront tieghu

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328( c) Kap 9 Art 15(1)( a)(2) Kap 65 L.S. 65.05 Art 2(IIA(b)) u fil-L.S. 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Mark Fenech hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**